



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2009/0063(COD)**

4.2.2010

## **EMENDI 36 – 80**

Abbozz ta' rapport  
**Jörg Leichtfried**  
(PE430.895v01-00)

dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni

Proposta għal direttiva  
(COM(2009)0217 – C7-0038/2009 – 2009/0063(COD))

AM\_Com\_LegReport

**Emenda 36**  
**Gabriele Albertini**

**Proposta għal direttiva**  
**Ċitazzjoni 1 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Wara li kkunsidra l-Artikolu 23 (1) tar-Regolament 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għat-tħaddim ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Airlines are already required by Art. 23 (1) of Regulation 1008 to publish separately taxes, airport charges and other charges, surcharges and fees (such as those related to security or fuel) as long as these elements are added to the fare (such as those related to security or fuel) as long as these elements are added to the fare. That means that in all cases where they are included in the fare, the breakdown is not required and this for very logical reasons: it would be impossible to split on a passenger basis any operational costs incurred for a flight. This is clearly the case for most security charges (except of course for these which are already payable per passenger, as in the IATA list of taxes).*

**Emenda 37**  
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer, Isabelle Durant**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 1 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) L-iffinanzjar mill-istat għas-sigurtà tal-avjazzjoni għandu jirrispetta l-kompetizzjoni ġusta bejn il-mezzi kollha ta' trasport. Żvantaġġi fil-qasam tal-iffinanzjar tas-sigurtà għal mezzi aktar sostenibbli, bħall-ferrovija, għandhom jiefqu u/jew jiġu evitati.***

Or. en

## Emenda 38

Eva Lichtenberger, Michael Cramer, Isabelle Durant

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-ġbir tal-imposti fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u tas-servizzi tal-groundhandling diġà ġie indirizzat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u mid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità, rispettivament.

##### *Emenda*

2. Il-ġbir tal-imposti fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u tas-servizzi tal-groundhandling diġà ġie indirizzat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u mid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità, rispettivament.

***Iż-żieda fl-investimenti għall-installazzjoni ta' magni ġodda tal-iskrining u l-iskenjar għas-sigurtà fl-ajruporti ma għandhomx iwasslu għal iffrankar fil-qasam tal-persunal u jitnaqqsu l-istandards edukattivi, soċjali u tas-saħħa għall-persunal ikkonċernat fi ħdan il-qafas tal-liberalizzazzjoni tas-servizzi ta' sikurezza. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tipproponi garanziji addizzjonali favur persunal tas-sigurtà fl-ajruporti, fir-reviżjoni msemmija hawn fuq dwar is-servizzi ta' ground handling.***

Or. en

## Emenda 39

Spyros Danellis

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Huwa ta' importanza vitali għall-utenti

##### *Emenda*

3. Huwa ta' importanza vitali għall-utenti

tal-ajruporti li jiksbu mingħand l-entità tal-  
ġestjoni tal-ajruporti, **fuq bażi regolari**,  
informazzjoni dwar kif u fuq liema bażi  
jiġu kkalkolati l-imposti tas-sigurtà. Din l-  
informazzjoni għandha tagħti lit-  
trasportaturi tal-ajru ħjiel dwar l-ispejjeż  
imġarrba għall-forniment tas-servizzi tas-  
sigurtà u l-produttività tal-investimenti  
relatati. Sabiex entità tal-ġestjoni ta'  
ajruport tkun tista' tivvaluta sew r-  
rekwiżiti rigward l-investimenti tagħha  
fil-ġejjieni, l-utenti tal-ajruport għandu  
jkollhom l-obbligu li, jaqsmu l-previżjonijiet  
operazzjonali tagħhom, il-proġetti ta'  
żvilupp u t-talbiet u x-xewqat speċifiċi  
tagħhom mal-entità tal-ġestjoni tal-ajruport  
fi żmien f'waqtu.

tal-ajruporti li jiksbu mingħand l-entità tal-  
ġestjoni tal-ajruporti, informazzjoni dwar  
kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati l-  
imposti tas-sigurtà. Din l-informazzjoni  
għandha tagħti lit-trasportaturi tal-ajru  
ħjiel dwar l-ispejjeż imġarrba għall-  
forniment tas-servizzi tas-sigurtà u l-  
produttività tal-investimenti relatati. Sabiex  
entità tal-ġestjoni ta' ajruport tkun tista'  
tivvaluta sew r-  
rekwiżiti rigward l-investimenti tagħha  
fil-ġejjieni, l-utenti tal-ajruport għandu  
jkollhom l-obbligu li, jaqsmu l-  
previżjonijiet operazzjonali tagħhom, il-  
proġetti ta' żvilupp u t-talbiet u x-  
xewqat speċifiċi tagħhom mal-entità tal-  
ġestjoni tal-ajruport fi żmien f'waqtu.

Or. en

#### **Emenda 40** **Marian-Jean Marinescu**

#### **Proposta għal direttiva** **Premessa 4**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Minħabba li l-metodi biex jiġu stabbiliti  
u jinġabru l-ammonti dovuti biex ikopru l-  
ispejjeż tas-sigurtà jvarjaw madwar il-  
Komunità, tinħtieġ l-armonizzazzjoni tal-  
bażi għall-ħlas għall-ispejjeż tas-sigurtà fl-  
ajruporti tal-Komunità fejn l-ispejjeż tas-  
sigurtà jkunu riflessi fl-imposti tas-sigurtà.  
F'dawn l-ajruporti, l-imposta għandha tkun  
relatata mal-ispiża tal-forniment tas-  
sigurtà, filwaqt li jitqies kwalunkwe  
finanzjament pubbliku tal-ispejjeż tas-  
sigurtà.

##### *Emenda*

4. Minħabba li l-metodi biex jiġu stabbiliti  
u jinġabru l-ammonti dovuti biex ikopru l-  
ispejjeż tas-sigurtà jvarjaw madwar il-  
Komunità, tinħtieġ l-armonizzazzjoni tal-  
bażi għall-ħlas għall-ispejjeż tas-sigurtà fl-  
ajruporti tal-Komunità **u f'networks ta' ajruporti**  
fejn l-ispejjeż tas-sigurtà jkunu  
riflessi fl-imposti tas-sigurtà. F'dawn l-  
ajruporti **u networks ta' ajruporti**, l-  
imposta għandha tkun relatata mal-ispiża  
tal-forniment tas-sigurtà, filwaqt li jitqies  
kwalunkwe finanzjament pubbliku tal-  
ispejjeż tas-sigurtà.

Or. en

**Emenda 41**  
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Minħabba li l-metodi biex jiġu stabbiliti u jinġabru l-ammonti dovuti biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà jvarjaw madwar il-Komunità, tinħtiegħ l-armonizzazzjoni tal-bażi għall-ħlas għall-ispejjeż tas-sigurtà fl-ajruporti tal-Komunità fejn l-ispejjeż tas-sigurtà jkunu riflessi fl-imposti tas-sigurtà. F'dawn l-ajruporti, l-imposta għandha tkun relatata mal-ispiża tal-forniment tas-sigurtà, filwaqt li jitqies kwalunkwe **finanzjament** pubbliku tal-ispejjeż tas-sigurtà.

*Emenda*

4. Minħabba li l-metodi biex jiġu **ffinanzjati jew** stabbiliti u jinġabru l-ammonti dovuti biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà jvarjaw madwar il-Komunità, tinħtiegħ l-armonizzazzjoni tal-bażi għall-ħlas għall-ispejjeż tas-sigurtà fl-ajruporti tal-Komunità fejn l-ispejjeż tas-sigurtà jkunu riflessi fl-imposti tas-sigurtà. F'dawn l-ajruporti, l-imposta għandha tkun relatata mal-ispiża tal-forniment tas-sigurtà, filwaqt li jitqies kwalunkwe **finanzjament** pubbliku tal-ispejjeż tas-sigurtà, **bil-għan li jiġi evitat kull profitt u jiġu pprovduti servizzi u faċilitajiet ta' sikurezza xierqa u effikaċi f'sens ta' nefqa fl-ajruporti kkonċernati.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-imposti tas-sigurtà fl-ajruporti Ewropej għandhom ikunu relatati man-nefqa għall-provvista tas-servizzi u jkun evitat kull profitt għall-entità fdata bil-għbir tal-imposti tas-sigurtà. L-effikaċja f'sens ta' nefqa tikkwantifika n-nefqa għal kull unità ta' produzzjoni tas-servizzi, inkluża valutazzjoni tan-nefqa unitarja għall-persunal u l-operazzjonijiet.*

*Din l-emenda tista' tippermetti l-konformità tad-Direttiva dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni bid-Direttiva 2009/12/KE dwar imposti tal-ajruporti biex tkun garantita l-konsistenza u l-applikazzjoni sempliċi tar-regoli.*

**Emenda 42**  
**Inés Ayala Sender, Magdalena Alvarez**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 6 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6a) Sabiex tiġi promossa l-koeżjoni territorjali, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw sistema ta' tariffi komuni li tkopri netwerk ta' ajruporti. It-trasferimenti ekonomiċi bejn l-ajruporti f'netwerks bħal dawn għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni Ewropea.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mad-Direttiva 2009/12/KE dwar imposti tal-ajruporti.*

**Emenda 43**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipji komuni għall-ġbir tal-imposti tas-sigurtà fl-ajruporti tal-Komunità.

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipji komuni għall-ġbir tal-imposti tas-sigurtà fl-ajruporti ***u n-netwerks ta' ajruporti fil-Komunità.***

Or. en

**Emenda 44**  
**Christine De Veyrac**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ***fil-każ ta' passiġġieri fuq titjiriet kummerċjali.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li d-direttiva tapplika għall-avjazzjoni ġenerali u għat-trasport militari.*

**Emenda 45**  
**Ville Itälä**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ***u miftuħ għat-traffiku kummerċjali li t-traffiku annwali tiegħu jaqbeż il-miljun passiġġier.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In order to avoid disproportionate administrative burden on small aerodromes, these aerodromes should be excluded from the scope of the draft Directive on aviation security charges. The scope of the Directive on airport charges (2009/12) should also be taken into account. Therefore, it is necessary to introduce a threshold to the first subparagraph of paragraph 2 of Article 1 of the draft Directive. A reference to commercial traffic is not sufficient alone, because for example aerodromes used mainly for recreational and sport aviation to which there are random taxi flights are aerodromes open to commercial traffic.*



**Emenda 46**  
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport ***miftuħ għat-traffiku kummerċjali u*** li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ***li t-traffiku annwali tiegħu jaqbeż il-5 miljun passiġġier kif ukoll għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont id-Direttiva 2009/12/KE dwar l-imposti tal-ajruporti, l-ajruporti reġjonali kollha b'anqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena huma esklużi mill-firxa ta' applikazzjoni, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq imtajar żgħar.*

**Emenda 47**  
**Werner Kuhn**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva ***tapplika*** għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett ***għad-dispożizzjonijiet*** tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva ***għandha tapplika*** għal kull ajruport li jinsab f'territorju soġġett għat-Trattat ***u miftuħ għat-traffiku kummerċjali liema traffiku annwali jaqbeż il-5 miljun passiġġier kif ukoll għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konformità mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti 2009/12.*

## Emenda 48

Marian-Jean Marinescu

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport li *jinsab* f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport, ***netwerk ta' ajruporti u ajruporti organizzati f'networks*** li *jinsabu* f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, ***u miftuħa għat-traffiku kummerċjali.***

Or. en

## Emenda 49

Inés Ayala Sender, Magdalena Alvarez

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal ***kull ajruport*** li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika ***għall-ajruporti kollha*** li jinsabu f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ***u miftuħa għat-traffiku kummerċjali liema traffiku annwali jaqbeż il-5 miljun passiġġier kif ukoll għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru.***

Or. es

## Emenda 50

Ismail Ertug

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din id-Direttiva tapplika għal ***kull***

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika ***għal ajruporti***

**ajruport** li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

li jinsabu f'territorju **li huwa** soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat **jekk ikunu miftuħa għat-traffiku kummerċjali u t-traffiku annwali tagħhom jaqbeż il-5 miljun passiġġier kif ukoll għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru.**

Or. de

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-abbozz tad-direttiva ma jikkonċernax ir-rekwiżiti ta' sigurtà fl-ajruporti (li għandhom ikunu ugwalment stretti fl-ajruporti kollha), iżda l-istabbiliment ta' imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni. Għalhekk huwa importanti li tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva tal-UE dwar l-imposti tal-ajruporti. L-introduzzjoni ta' proċess ta' konsultazzjoni għal ajruporti reġjonali żgħar timponi fuqhom piż amministrattiv kbir.*

#### **Emenda 51**

**Inés Ayala Sender, Magdalena Alvarez**

#### **Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista tal-ajruporti fit-territorju tagħhom li għalihom tapplika din id-Direttiva. Din il-lista għandha tkun ibbażata fuq data mill-Kummissjoni (Eurostat) u għandha tkun aġġornata kull sena.**

Or. es

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mad-Direttiva 2009/12/KE dwar l-imposti tal-ajruporti.*

**Emenda 52**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) 'entità tal-ġestjoni tal-ajruport' tfisser entità li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le, għandha bħala l-għan tagħha, skont il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-ajruport, *u l-koordinament* u l-kontroll tal-attivitjiet tal-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti konċernati;

*Emenda*

(b) 'entità tal-ġestjoni tal-ajruport' tfisser entità li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le, għandha bħala l-għan tagħha, skont il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-ajruport ***u ta' netwerk ta' ajruporti kif ukoll il-koordinament*** u l-kontroll tal-attivitjiet tal-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti ***u fin-netwerks ta' ajruporti*** konċernati;

Or. en

**Emenda 53**  
**Inés Ayala Sender, Magdalena Alvarez**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) 'entità tal-ġestjoni tal-ajruport' tfisser entità li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le, għandha bħala l-għan tagħha, skont il-liġijiet ***jew*** ir-regolamenti ***nazzjonali***, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-ajruport, *u l-koordinament* u l-kontroll tal-attivitjiet tal-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti konċernati;

*Emenda*

(b) 'entità tal-ġestjoni tal-ajruport' tfisser entità li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le, għandha bħala l-għan tagħha, skont il-liġijiet, ir-regolamenti ***jew il-kuntratti***, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-ajruport ***u tan-netwerks ta' ajruporti kif ukoll il-koordinament*** u l-kontroll tal-attivitjiet tal-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti ***u fin-netwerks ta' ajruporti*** konċernati;

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mad-Direttiva 2009/12/KE dwar imposti tal-ajruporti.*

**Emenda 54**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt b a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) "netwerk ta' ajruporti" tfisser għadd ta' ajruporti fi Stat Membru li jaqdu l-istess belt jew l-istess konurbazzjoni u li huma ġestiti minn entità tal-ġestjoni tal-ajruport maħtura mill-awtorità nazzjonali kompetenti.***

Or. en

**Emenda 55**  
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt b a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) "entità kompetenti" tfisser entità tal-ġestjoni tal-ajruport u/jew kwalunkwe entità jew awtorità oħra responsabbli għall-applikazzjoni u/jew għall-istabbiliment tal-livell u l-istruttura tal-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Komunità;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom sistemi differenti fis-seħħ għall-forniment ta' miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni. Skont kull kuntest nazzjonali, jistgħu jkunu l-awtoritajiet pubbliċi, l-entità tal-ġestjoni tal-ajruport u anki l-linji tal-ajru – jew taħlita tagħhom, li huma responsabbli għas-sigurtà tal-avjazzjoni.*

**Emenda 56**  
**Spyros Danellis**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) 'imposta tas-sigurtà' tfisser tariffa li hija speċifikament imfassla biex tirkupra parti minn jew l-ispiża kollha tal-miżuri tas-sigurtà intenzjonati biex jiproteġu l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali.

*Emenda*

(d) 'imposta tas-sigurtà' tfisser tariffa li hija speċifikament imfassla biex tirkupra parti minn jew l-ispiża kollha tal-miżuri tas-sigurtà intenzjonati biex jiproteġu l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali. ***Din in-nefqa tas-sigurtà tal-avjazzjoni tista' tinkludi l-ispejjeż imġarrba biex tkun żgurata l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 jew biex ikunu koperti l-ispejjeż marbuta mar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza li jaqgħu taħt l-awtorità kompetenti.***

Or. en

**Emenda 57**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 3a***

***Netwerk ta' ajruporti***

***L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-entità tal-ġestjoni ta' ajruport ta' netwerk ta' ajruporti li tintroduċi sistema komuni u trasparenti ta' ġbir tal-imposti tas-sigurtà biex tkopri n-netwerk ta' ajruporti.***

Or. en

**Emenda 58**  
**Artur Zasada**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **f'kull ajruport** tiġi stabbilita proċedura obbligatorja **u regolari** għal konsultazzjoni bejn l-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** u l-utenti tal-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. **Dik** il-konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għal konsultazzjoni **regolari** bejn l-entità **kompetenti** u l-utenti tal-ajruport **jew ir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport** fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. **Tali** konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena, **sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fl-aħħar konsultazzjoni. Meta jkun hemm ftehim pluriennali bejn l-entità kompetenti u l-utenti tal-ajruport, il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu kif ipprovdut f'tali ftehim. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jitolbu konsultazzjonijiet aktar frekwenti.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-linji tal-ajru huma diġà meħtieġa mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament 1008 li jipubblikaw separatament, taxxi, imposti tal-ajruporti u imposti oħra, ħlasijiet u spejjeż (bħal dawk relatati mas-sigurtà u l-fjuwil) sakemm dawn l-elementi jiġu miżjuda mal-prezz tal-biljett. Mhemmx bżonn li l-assoċjazzjonijiet tal-passiġġieri tal-ajru jiġu mgħarrfa b'tagħrif sensitiv u kunfidenzjali sew.*

**Emenda 59**  
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **f'kull ajruport** tiġi stabbilita proċedura obbligatorja **u regolari** għal konsultazzjoni

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għal konsultazzjoni **regolari** bejn l-entità

bejn l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajruport*** u l-utenti tal-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Dik*** il-konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena.

***kompetenti*** u l-utenti tal-ajruport ***jew ir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport*** fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Tali*** konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena, ***sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fl-aħħar rawnd ta' konsultazzjoni. Jekk ikun hemm ftehim pluriennali bejn l-entità kompetenti u l-utenti tal-ajruport, il-konsultazzjoni għandha sseħħ kif stipulat f'dan il-ftehim. L-Istati Membri għandhom, madankollu, iżommu d-dritt li jitolbu konsultazzjonijiet aktar frekwenti.***

Or. de

## **Emenda 60** **Werner Kuhn**

### **Proposta għal direttiva** **Artikolu 4 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***f'kull ajruport*** tiġi stabbilita ***proċedura*** obbligatorja u ***regolari għal konsultazzjoni*** bejn l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajruport*** u l-utenti tal-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Dik*** il-konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena.

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita ***proċedura*** obbligatorja ***għal konsultazzjoni regolari*** bejn l-entità ***kompetenti*** u l-utenti tal-ajruport ***jew ir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport*** fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Tali*** konsultazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena, ***sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fl-aħħar konsultazzjoni. Meta jkun hemm ftehim pluriennali bejn l-entità kompetenti u l-utenti tal-ajruport, il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu kif ipprovdut f'tali ftehim. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jitolbu konsultazzjonijiet aktar frekwenti.***

Or. en



**Emenda 61**  
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***f'kull ajruport*** tiġi stabbilita ***proċedura*** obbligatorja u ***regolari għal konsultazzjoni*** bejn l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajruport*** u l-utenti tal-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Dik*** il-konsultazzjoni għandha ssejnh tal-anqas darba fis-sena.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għal konsultazzjoni ***regolari*** bejn l-entità ***kompetenti*** u l-utenti tal-ajruport ***jew ir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport*** fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Tali*** konsultazzjoni għandha ssejnh tal-anqas darba fis-sena, ***sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fl-aħħar konsultazzjoni. Meta jkun hemm ftehim pluriennali bejn l-entità kompetenti u l-utenti tal-ajruport, il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu kif ipprovdut f'tali ftehim. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jitolbu konsultazzjonijiet aktar frekwenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tiġi żgurata konsistenza mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti. L-“utenti tal-ajruport” f’dan il-kuntest tad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti huma l-linji tal-ajru. Il-linji tal-ajru dejjem jaġixxu fl-interess tal-konsumaturi tagħhom (il-passiġġieri). Minħabba li l-imposti tas-sigurtà jinkludu tagħrif sensitiv, dawn ma għandhomx jitqassmu wisq.*

**Emenda 62**  
**Inés Ayala Sender, Magdalena Alvarez**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 4 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Modifika tas-sistema jew tal-livell tal-imposti tal-ajruporti deċiża mill-entità ta' ġestjoni tal-ajruport, jekk titressaq***

*quddiem l-awtorità ta' sorveljanza indipendenti, m'għandhiex tidħol fis-seħħ sakemm l-awtorità tkun eżaminat il-kwistjoni. L-awtorità ta' sorveljanza indipendenti għandha, fi żmien erba' ġimgħat mit-tressiq quddiemha tal-każ, tieħu deċiżjoni interim dwar id-dħul fis-seħħ tal-modifika tal-imposti tal-ajruporti, sakemm id-deċiżjoni finali ma tkunx tista' tittieħed fi żmien l-istess skadenza.*

Or. es

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mad-Direttiva 2009/12/KE dwar imposti tal-ajruporti.*

**Emenda 63**  
**Gabriele Albertini**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 4 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Modifika tas-sistema jew tal-livell tal-imposti tas-sigurtà deċiża mill-entità ta' ġestjoni tal-ajruport jew minn kwalunkwe entità oħra fdata bil-ġbir tal-imposti tas-sigurtà, jekk titressaq quddiem l-awtorità ta' sorveljanza indipendenti, ma għandhiex tidħol fis-seħħ sakemm l-awtorità tkun eżaminat il-kwistjoni. L-awtorità ta' sorveljanza indipendenti għandha, fi żmien erba' ġimgħat mit-tressiq quddiemha tal-każ, tieħu deċiżjoni interim dwar id-dħul fis-seħħ tal-modifika tal-imposti tas-sigurtà, sakemm id-deċiżjoni finali ma tkunx tista' tittieħed fi żmien l-istess l-iskadenza.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni ma għandhiex tkunu anqas ambizzjuża*

*mid-Direttiva 2009/12/KE dwar l-imposti tal-ajruporti biex b'hekk tkun garantita l-konsistenza u l-applikazzjoni sempliċi tar-regoli. L-utenti tal-ajruporti għandu jkollhom l-istess drittijiet li ma jaqblux u li jikkuntestaw il-livell u l-istruttura tal-importi tas-sigurtà fl-ajruporti.*

**Emenda 64**  
**Artur Zasada**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **darba fis-sena** l-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** tipprovdi lil kull utent tal-ajruport **u** lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport, b'informazzjoni dwar il-komponenti li abbażi tagħhom **jiġi stipulat** il-livell ta' imposti kollha tas-sigurtà miġbura **fl-ajruport**. Din l-informazzjoni għandha tinkludi tal-anqas:

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità **kompetenti** tipprovdi lil kull utent tal-ajruport **jew** lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport, **kull darba li jkunu se jsiru konsultazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)**, b'informazzjoni dwar il-komponenti li abbażi tagħhom tiġi **stipulata l-istruttura u l-livell** ta' imposti kollha tas-sigurtà miġbura **f'kull ajruport**. Din l-informazzjoni għandha tinkludi tal-anqas:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tfittex li tikkjarifika l-arranġamenti għall-forniment ta' tagħrif dwar l-istabbiliment ta' spejjeż tas-sigurtà. Qabel xejn, għandu jiġi pprovdut tagħrif kemm fuq l-istruttura kif ukoll il-livell tal-imposti. It-tieni, l-ajruporti kollha għandhom ikunu meħtieġa jipprovdi din l-informazzjoni.*

**Emenda 65**  
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-previżjonijiet tal-livell tal-imposti tas-sigurtà;

*Emenda*

(e) il-previżjonijiet tal-livell tal-imposti tas-sigurtà **u l-investment propost fl-**

*infrastruttura tas-sigurtà;*

Or. de

**Emenda 66**

**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-previżjonijiet tal-livell tal-imposti tas-sigurtà;

*Emenda*

(e) il-previżjonijiet tal-livell tal-imposti tas-sigurtà ***meta jitqiesu l-investimenti proposti, it-tkabbir fit-traffiku u miżuri aktar stretti minħabba ż-żieda fil-livell ta' theddid għas-sigurtà;***

Or. en

**Emenda 67**

**Jeanine Hennis-Plasschaert**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(da) l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni fir-rigward tas-sigurtà

*Emenda*

***(da) l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni fir-rigward tas-sigurtà***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tagħrif dwar spejjeż u finanzjar tas-sigurtà għandhom jiġu pprovduti mill-entità responsabbli mill-ġbir tal-ispejjeż tas-sigurtà f'kull ajruport sabiex ikun hemm fehim tal-ispejjeż tas-sigurtà mill-utenti tal-ajruport. Dan ir-rekwiżit huwa konsistenti mal-prinċipji tal-ICAO, li ġie rivedut dan l-aħħar (ICAO Doc 9082/8).*

**Emenda 68**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma jaddottaw miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-effetti fuq il-livell tal-imposti tas-sigurtà.

*Emenda*

1. Qabel ma jaddottaw miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-effetti fuq il-livell tal-imposti tas-sigurtà, ***kif ukoll dwar l-impatt fuq il-passiġġieri.***

Or. en

**Emenda 69**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

B'rabta ma' miżuri nazzjonali aktar stretti

AM\803475MT.doc

*Emenda*

***(1a) Miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 ma għandhomx jipperikolaw il-kumdità tal-passiġġieri u anqas ma għandhom japplikaw għal passiġġieri fi tranżitu ħlief f'każijiet fejn ikun hemm theddida tas-sigurtà ta' livell għoli.***

B'rabta ma' miżuri nazzjonali aktar stretti

21/27

PE438.433v01-00

Or. en

**Emenda 70**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

diġà eżistenti fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt matul perjodu tranżizzjonali ta' **tliet snin** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

diġà eżistenti fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt matul perjodu tranżizzjonali ta' **sena** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

**Emenda 71**  
**Jeanine Hennis-Plasschaert**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Qabel l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-effetti fuq il-livell tal-imposti tas-sigurtà. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Grupp Konsultattiv tal-partijiet interessati, kompost skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-regoli tal-komitoloġija, il-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll tipproduċi valutazzjoni tal-impatt, li tkejjel l-impatt operattiv fuq l-operaturi u l-passiġġieri, qabel l-adozzjoni ta' miżuri ġodda tas-sigurtà tal-avjazzjoni. In-neċessità tar-regoli għandha tkun ċara ħafna. L-eżempju reċenti tar-regoli dwar it-trasport ta' likwidi li jinġarru fil-kabina wera l-importanza ta' valutazzjoni u konsultazzjoni bħal din mal-operaturi u l-utenti tal-ajruporti biex tinstab miżura bilanċjata, li kapaċi tnaqqas it-theddida u tillimita l-impatt fuq l-operazzjonijiet għall-benefiċċju tal-passiġġieri u l-industrija tal-avjazzjoni.*

**Emenda 72**  
**Artur Zasada**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-imposti tas-sigurtà għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji tal-kontabbiltà u l-evalwazzjoni ġeneralment aċċettati f'kull Stat Membru.

*Emenda*

L-imposti tas-sigurtà għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà **f'kull ajruport**. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji tal-kontabbiltà u l-evalwazzjoni ġeneralment aċċettati f'kull Stat Membru.

Or. en

**Emenda 73**  
**Jeanine Hennis-Plasschaert**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-imposti tas-sigurtà għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji tal-kontabbiltà u l-evalwazzjoni ġeneralment aċċettati f'kull Stat Membru.

*Emenda*

1. L-imposti tas-sigurtà għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji tal-kontabbiltà u l-evalwazzjoni ġeneralment aċċettati f'kull Stat Membru.  
***Id-dħul totali mill-imposti tas-sigurtà ma għandux ikun ogħla mill-ispejjeż totali tas-sigurtà tal-avjazzjoni għal dak l-ajruport, netwerk ta' ajruporti, jew grupp ta' ajruporti.***

Or. en

**Emenda 74**  
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– il-livell nazzjonali u/jew internazzjonali  
tat-theddida tas-sigurtà;**

Or. en

**Emenda 75**  
**Artur Zasada**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– spejjeż indiretti, li jinkludu l-ispejjeż  
amministrattivi;**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Spejjeż indiretti (b' mod partikolari spejjeż amministrattivi) jeħtiegħ jitqiesu fl-istabbiliment tal-ispejjeż tas-sigurtà.*

**Emenda 76**  
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Meta l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-  
sigurtà tiġi trasferita lil partijiet terzi mill-  
Istati Membri, l-utenti tal-ajruporti ma  
għandhomx iġarrbu l-ispejjeż addizzjonali  
fil-forma ta' taxxi u imposti.**



*Ġustifikazzjoni*

*Fl-ajruporti tal-UE l-awtorità tas-sigurtà tal-avjazzjoni tassenja regolarment permezz ta' sejħa għall-offerti pubblika l-prestazzjoni ta' ċerti ħidmiet ta' kontroll tas-sigurtà ta' partijiet terzi privati. Dawn il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà jitfgħu l-ispejjeż tagħhom fuq l-awtorità tas-sigurtà tal-avjazzjoni flimkien mat-taxxi u l-imposti lokali. Dawn l-ispejjeż huma trasferiti lil-linji tal-ajru bħala parti mill-ispejjeż tas-sigurtà. B'dan il-mod l-istat jikseb dħul addizzjonali bit-trasferiment ta' ħidmiet li suppost huma tiegħu.*

**Emenda 77**  
**Artur Zasada**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Il-bażi għall-kalkolu tal-imposti tas-sigurtà m'għandhiex tinkludi kwalunkwe spiża m'garrba għal funzjonijiet aktar ġenerali tas-sigurtà mwettqa mill-Istati Membri, bħall-kontrolli ġenerali, il-ġbir ta' informazzjoni u s-sigurtà nazzjonali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ jiġi żgurat li, fl-ajruporti kollha, l-imposti tas-sigurtà jintużaw esklussivament biex jiġu koperti l-ispejjeż tas-sigurtà.*

**Emenda 78**  
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 4 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4a) Fil-ftuħ ta' investigazzjoni dwar ġustifikazzjoni għal modifika tas-sistema jew tal-livell ta' imposti tas-sigurtà kif stipulat fl-Artikolu [...], l-awtorità***

*indipendenti ta' sorveljanza għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa mill-partijiet ikkonċernati u għandha tkun meħtieġa tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Mingħajr ħsara għall-Artikolu [...], għandha tagħti d-deċiżjoni finali kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ fi żmien erba' xhur mit-tressiq tal-kwisjoni quddiemha. Dan il-perjodu jista' jestendi b'xahrejn f'każijiet straordinarji u ġustifikati sew. Id-deċiżjonijiet tal-awtorità indipendenti ta' sorveljanza jorbtu legalment, mingħajr ħsara għar-reviżjoni parlamentari jew ġudizzjarja, kif previst fil-proċedura tad-diversi Stati Membri.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva dwar l-imposti tas-sigurtà fl-avjazzjoni għandha tirrifletti d-Direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti biex tiżgura l-konsistenza u l-applikazzjoni sempliċi tar-regoli.*

**Emenda 79**  
**Christine De Veyrac**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 8 – paragrafu 5 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*5a. Meta Stat Membru japplika, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, proċedura regolatorja jew leġiżlattiva biex jiddetermina u japprova l-istruttura jew il-livell ta' imposti tas-sigurtà fil-livell nazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-validità tal-imposti tas-sigurtà għandhom iwettqu l-ħidmiet tal-awtorità indipendenti ta' sorveljanza stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5.*

Or. fr

## *Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri (bħal Spanja u Franza) l-imposti tas-sigurtà huma stabbiliti permezz ta' proċedura regolatorja jew leġiżlattiva. F'dawn il-każijiet l-awtoritajiet ġudizzjarji huma responsabbli biex jinvestigaw l-appelli għal regolamenti jew liġijiet, li għandhom jaġixxu bħala l-awtorità indipendenti ta' superviżjoni u jiddeċiedu dwar kontestazzjonijiet li jikkonċernaw il-livell jew l-istruttura tal-imposti tas-sigurtà.*

### **Emenda 80**

**Ramon Tremosa i Balcells**

#### **Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-iffinanzjar tas-sigurtà tal-avjazzjoni, li jeżamina l-valutazzjoni tal-ispejjeż tas-sigurtà tal-avjazzjoni u l-metodi għall-iffinanzjar tas-sigurtà tal-avjazzjoni, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha madankollu tkompli tirrifletti dwar l-iffinanzjar globali tas-sigurtà tal-avjazzjoni u għandha tipproduċi rapport ieħor bi proposti addizzjonali fis-sentejn li jmiss wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.*